MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## PHILIP SCIBERRAS

Seduta tas-16 ta' Gunju, 2003

Citazzjoni Numru. 279/1998/1

**Power Projects Limited**

***-vs-***

**Stephen Agius; u Albert J. Tabone bhala Chairman tat-Tribunal Industrijali**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih is-socjeta` attrici premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni;

Premess illi permezz ta' Decizjoni tat-Tribunal Industrijali datata 28 ta' Novembru, 1997 (Dok. A), fit-Tilwima tax-Xoghol bejn "Stephen Agius u Power Projects Ltd", (Dec. Nru. 901) dwar it-tkeccija mill-impjieg allegata li hija ngusta, fil-kaz Numru 1023, it-Tribunal Industrijali sab li t-

terminazzjoni ta’ l-impjieg ta’ Stephen Agius minn mas-socjeta` attrici, ma kienx gustifikat u ghar-raguni valida u ordna lis-socjeta` attrici thallas is-somma ta’ Lm958 lill-konvenut, u dan fuq “il-konkluzzjoni tat-Tribunal, a bazi ta’ dak li hemm miktub, u li l-impjieg ma ntemmx minhabba “*redundancy*” u l-indikazzjonijiet kollha huma li dan intemm ghaliex l-appellant ma kienx qieghed jissodisfa is-superjuri tieghu f’xoghlu” u ikkonkludiet li ghalkemm l-konvenut kellu certu nuqqasijiet is-serjeta taghhom ma gietx ippruvata mis-socjeta` attrici u ghalhekk iddecidiet favur il-konvenut odjern;

Premess illi tali decizjoni tat-Tribunal Industrijali hija legalment zbaljata u bla effett fil-ligi u dan stante li:

(i) Proceduralment id-decizjoni hija nulla u bla effett stante li t-Tribunal Industrijali b’verbal tas-6 ta’ Gunju 1996 (foll. 123 tal-process) kif ikkonfermat b’verbal iehor ta’ l-istess Tribunal datat ukoll 6 ta’ Gunju 1996 (foll. 38), kellu jaghti decizjoni biss fuq l-eccezzjoni preliminari tas-socjeta` attrici dwar *redundancy*, b’dan li il-provi kollha tas-socjeta` attrici kienu limitati ghall-istess l-ewwel eccezzjoni, u b’konsegwenza l-istess Tribunal Industrijali agixxa oltre il-kompetenza tieghu u *ultra vires* meta minflok ta decizjoni preliminari fuq l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta` attrici, ghadda biex ta decizjoni finali kemm fuq l-ewwel eccezzjoni ta’ *redundancy*, u iktar serju fuq it-tieni eccezzjoni tas-socjeta` attrici, li it-tkeccija tal-konvenut mill-impjieg kienet gustifikata, minghajr mas-socjeta` attrici kellha l-opportunita li tressaq il-provi u titratta dwar dan il-punt ukoll;

(ii) Illi wkoll konsegwenti ghall-istess verbal tat-Tribunal Industrijali innifsu datat 6 ta’ Gunju 1996, l-istess Tribunal Industrijali agixxa kontra il-principji tal-gustizzja naturali u in partikolari kontra il-principju ta’ “*audi alteram partem*” meta ma ta ebda opportunita lis-socjeta` attrici sabiex hija tressaq il-provi taghha dwar it-tieni eccezzjoni taghha, li it-tkeccija u it-terminazzjoni ta’ l-impjieg tal-konvenut kienet ghar-raguni gusta (bla pregudizzju ghall ewwel eccezzjoni ta’ *redundancy*), u dan meta l-istess Tribunal Industrijali ta id-decizjoni finali tieghu fuq il-mertu kollu tat-tilwima,

inkluz it-tieni eccezzjoni tas-socjeta` attrici, minflok illimita ruhu, kif kellu jillimita ruhu biss fuq il-kwistjoni ta' *redundancy*;

(iii) Illi bla pregudizzju ghall-premess, u limitatament ghad-decizjoni tat-Tribunal Industrijali dwar *redundancy*, tali decizjoni ta' l-istess Tribunal Industrijali, li il-fatti *de quo* u r-riorganizzazzjoni li s-socjeta` attrici ghamlet bl-abolizzjoni ta' l-Electrical Department u bl-inkorporazzjoni ta' l-istess dipartiment taht l-ELV Department, ma kienitx tammonta ghall *redundancy*, hija ukoll legalment zbaljata, stante li ma haditx in konsiderazzjoni, il-fatt pruvat li permezz ta' l-istess tibdil, il-post ta' electrical co-ordinator bhal dik ta' Electrical manager gew aboliti u ghalhekk b'tali decizjoni il-kuncett ta' *redundancy* gie snaturat legalment u dan apparti li l-konkluzjoni milhuqa f'paragrafi 3.4 u 3.5 ta' l-istess decizjoni huma legalment zbaljati u inkorretti u jmorru kontra il-principji enuncjati mill-istess tribunal fl-ewwel parti tal-paragrafu 3.3 ta' l-istess sentenza u wkoll kontra il-principji stabiliti fl-Artikolu 34 (3) (4) tal-Kap. 135 u kontra l-Artikoli 2 (1) tal-Kap. 266 tal-Ligijiet ta' Malta;

(iv) Illi di piu` tali sentenza hija nulla u bla effett stante li l-istess decizjoni injorat ghal kollox il-fatt li l-istess konvenut accetta li l-impjieg tieghu kien gie terminat minhabba *redundancy* u anke irrifjuta xoghol alternattiv li s-socjeta` *ex gratia* offrietlu u minflok accetta li l-impjieg tieghu jigi ghalhekk terminat;

(v) Illi bla pregudizzju ghal premess, id-decizjoni ta' l-istess Tribunal Industrijali hija wkoll legalment zbaljata fid-decide taghha, fejn sostniet arbitrarjament kontra il-principji tal-ligi tax-xoghol u relazzjoni industrijali illi t-twiddibiet (anke bil-miktub) ma ghandhom ebda valur ghaliex ma gewx accettati mill-konvenut, u dan apparti li l-istess Tribunal Industrijali ma ta ebda opportunita` lis-socjeta` attrici li verbalment tipproduci xhieda u dokumenti f'dan ir-rigward kif fuq premess;

Talbet ghalhekk is-socjeta` attrici lil din l-Onorabbli sabiex ghar-ragunijiet premessi:-

1. Tiddikjara u tiddecidi illi d-decizjoni tat-Tribunal Industrijali datata 28 ta' Novembru, 1997 fit-tilwima ta' xoghol bejn Stephen Agius u Power Projects Ltd dwar it-tkeccija mill-impjieg allegat li hija ngusta fil-kaz numru 1023 hija proceduralment u legalment zbaljata u bla ebda validita fil-ligi u minghajr effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi u b'hekk hija nulla;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess socjeta attrici u l-lista tax-xhieda minnha indikati flimkien ma' l-elenku tad-dokumenti esebiti;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut Albert Tabone bhala Chairman tat-Tribunal Industrijali li permezz taghha huwa eccepixxa:-

Illi d-domandi ta' l-attur ghandhom jigu michuda stante illi l-istess huma nfondati fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet hawn indikati:

1. It-Tribunal Industrijali m'huwiex persuna guridika u m'ghandux *locus standi ut sic*. Ghalhekk ma jistax jigi mharrek bhala konvenut;

2. Illi c-Chairman u t-Tribunal igawdu l-immunitajiet moghtija mill-Kodici ta' l-Organizazzjoni u Procedura Civili bhal dak ta' Gudikant u ghalhekk ma jistax ikunu konvenuti f'kawza simili;

3. Illi bhala Chairman tat-Tribunal Industrijali, ir-ruol ta' l-esponent huwa li fedelment jinterpreta u japplika l-ligi relattiva, u cioe` l-Industrial Relations Act 1976, u li jikkonduci l-proceduri skond il-ligi, partikolarment tal-Kodici ta' l-Organizazzjoni u Procedura Civili;

Illi l-esponent fl-inkarigu tieghu, u fl-opinjoni umli tieghu, fedelment interpreta u adopera l-istess ligijiet ghar-rigward tal-pendenza in kwistjoni;

Illi fl-ahhar nett l-esponent huwa dejjem lest li jimxi skond id-decizjonijiet finali tal-Qrati ta’ Malta;

Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-istess konvenut Albert Tabone fil-kwalita` tieghu premessa u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut Stephen Agius illi fiha huwa eccepixxa:-

Illi t-talba attrici hija infondata u ghandha tigi michuda bl-ispejjez, stante li d-Decizjoni tat-Tribunal Industrijali fil-kaz numru 1023 ma hija affetta mill-ebda zbalji procedurali, jew legalment zbaljata, b’mod li jirrenduha invalida;

B’riserva ta’ eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-istess konvenut Stephen Agius u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Rat it-traskrizzjoni tat-trattazzjoni ta’ l-avukati difensuri tal-partijiet maghmula fl-udjenza tas-16 ta’ Gunju 2000;

Rat l-atti kollha tal-process odjern kif ukoll dawk tal-Kaz Nru. 1023 quddiem it-Tribunal Industrijali;

Ikkonsidrat:-

Jidher opportun f’materja ta’ din ix-xorta illi qabel xejn jigi puntwalizzat il-hsieb, rikorrenti f’bosta decizjonijiet, riferibilment ghas-sindakar tal-Qrati ordinarji dwar l-operat tat-tribunali amministrattivi in generali, jew, bhal f’dan il-kaz, dak tat-Tribunal Industrijali;

Intqal a propositu illi din il-kwestjoni tinqasam fi tnejn:-

"L-ewwel wahda tirrigwarda in generali l-gurisdizzjoni ta' dawn il-Qrati biex jiehdu konjizzjoni ta' l-operat tat-Tribunal Industrijali, u mbaghad it-tieni wahda, li tirrigwarda l-limiti specjali u specifici ta' dik il-gurisdizzjoni.

It-tribunal Industrijali jrid jagixxi u jimxi *intra vires* lilu moghtija fil-Kapitolu 266 tal-Ligijiet. Il-Qrati ordinarji jissindikaw l-operat tat-Tribunal, ghalhekk, meta huwa jmur *ultra vires* lilu moghtija.

It-Tribunal ghandu wkoll bl-Artikolu 31(3) tal-Kapitolu 266 jiehu hsieb, li tkun xi tkun il-procedura li juza, (a) jassikura li l-gustizzja ssir skond il-meriti tas-sustanza tal-kaz, u (b) li dik tkun bla hsara ghar-regoli tal-gustizzja naturali.

Finalment skond l-Artikolu 32(4) ta' l-istess Kapitolu:

It-Tribunal ma ghandux jaghti xi sentenza jew decizjoni li tkun kontra xi ligi miktuba, jew xi att iehor li jkollu forza ta' ligi, li jirregola l-pagi u pattijiet u kondizzjonijiet ohra ta' impjieg.

Il-kwestjonijiet li jkollu quddiemu t-Tribunal Industrijali, u fejn ghandu gurisdizzjoni esklussiva, huma dawk li jirrigwardaw l-allegazzjoni minn xi impjegat li saret tkeccija ngusta mill-impjieg tieghu – Artikolu 28(1) Kap. 266." – "**John Holland *nomine* –vs- Julian Schembri**", Appell, 20 ta' Mejju 1991;

Fl-istess sens huma, *inter alia*, id-decizjonijiet fl-ismijiet "**Reno Alamango –vs- Mary Rose Ciantar**", Appell, 29 ta' Mejju 1991 u "**Michael Mallia *nomine* –vs- Carmelo Debono *nomine et***", Appell, 13 ta' Frar 1997;

In subjecta materja jrid jigi aggunt u ribadit illi kif enfasizzat mill-Qorti ta' l-Appell fil-kawza "**Avukat Dottor Vincent Falzon *nomine* –vs- Isabelle Grima**", deciza fis-

17 ta’ Mejju 1993, “il-ligi ma ikkoncedietx id-dritt ta’ appell mid-decizjonijiet tat-Tribunal Industrijali, u ghalhekk dawn il-Qrati Superjuri ma ghandhomx gurisdizzjoni biex jirriezaminaw jew jirrevedu l-meritu tal-kontroversja li giet deciza mit-Tribunal Industrijali.”;

Gja f’sentenza anterjuri kien gie ritenut illi l-Qorti ma ghandhix b’xi mod tissostitwixxi d-diskrezzjoni taghha ghal dak tal-Bord jew Tribunal ghaliex la l-ligi avdat dik il-funzjoni kwazi gudizzjarja f’idejn il-Bord, huwa l-Bord, u hadd iehor ghalih li jrid jiddeciedi – “**Joseph Farrguia –vs- Emmanuel Cilia Debono**” – Prim’ Awla, Qorti Civili, 10 ta’ Gunju 1987. Ara wkoll “**Avukat Dottor Victor Ragonesi –vs- Maurice J. V. Bonello *nomine et***”, Prim’ Awla, Qorti Civili, 28 ta’ Frar 1995;

Issa qabel ma tghaddi biex tezamina l-allegazzjonijiet tas-socjeta` attrici, il-Qorti jehtiegilha tinvesti l-eccezzjoni tal-konvenut Albert Tabone bhala Chairman tat-Tribunal Industrijali;

Fuq dan il-punt intqal hekk fid-decizjoni fil-ismijiet “**Anthony Borg Cardona –vs- Joseph Busuttil *et nomine***”, Prim’ Awla, Qorti Civili per Imhallef Joseph Said Pullicino, 5 ta’ Ottubru 1994:-

“Hu pacifiku pero` illi sakemm ma jirrizultax mill-provi illi c-Chairman kien bl-agir tieghu fih innifsu u indipendentement mid-decizjoni tieghu, ippregudika lill-attur, hu ma jistax jitqies li hu l-legittimu kontradittur tieghu. F’dan il-kuntest hu verament igawdi l-istess posizzjoni privileggjata bhal kull gudikant iehor vestit bil-Ligi b’kompetenza li jarbitra fuq materja li tingieb quddiemu bhala president tat-Tribunal. Jista’ pero` jigi mharrek <u>personalment</u> jekk jigi allegat li kkommetta vjolazzjonijiet tal-Ligi, li bhala rizultat taghhom l-attur sofra danni u dana fl-ezercizzju tal-funzjonijiet kwazi gudizzjali tieghu.”

U kif inghad fid-decizjoni fl-ismijiet “**Alfred Pisani –vs- Joseph Borg Bartolo**”, Appell, 29 ta’ Jannar 1993, “ma hemm xejn fil-kawzali tac-citazzjoni illi jattribwixxi (lic-Chairman) bhala l-gudikant, xi difett li ma jinstabx direttament jew indirettament u espressament fil-gudikat tieghu ... u ghalhekk billi din id-decizjoni li qed tigi impunjata u mhux l-operat tieghu, meta ta dik id-decizjoni huwa ma huwiex il-legittimu kontradittur tad-domandi attrici.”;

Minn dak premess fl-istanza odjerna ma nsibu l-ebda kawzali, u dan ighodd ukoll ghall-provi u sottomissjonijiet, illi titfa xi dell fuq l-operat ta’ dan il-konvenut personalment, indipendentement mill-gudizzju tieghu bhala chairman. Ghar-raguni fuq esposta, kif akkolt mill-gurisprudenza, it-talbiet ma jregux fil-konfront tieghu u ghandu ghaldaqstant jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju;

Issa s-socjeta` attrici tavvanza diversi obbjezzjonijiet fir-rigward tas-sentenza attakkata moghtija mit-Tribunal Industrijali fit-28 ta’ Novembru 1997. Brevement dawn jistghu jigu hekk elenkati:-

I. It-Tribunal agixxa *ultre vires* meta ta decizjoni fuq kollox u ma llimitax ruhu ghall-ewwel eccezzjoni sollevata relattiva ghall-kwestjoni tar-*redundancy*;

II. *Ergo*, it-Tribunal ivvjola l-principju ta’ gustizzja naturali, senjatament id-dritt ta’ l-”*audi alteram partem*”;

III. Id-decizjoni hi legalment zbaljata fl-interpretazzjoni li t-Tribunal ghamel ghall-fatti tal-kaz meta iddeduca li l-impjieg tal-konvenut Stephen Agius ma ntemmx minhabba *redundancy*;

IV. Is-sentenza moghtija hi nulla billi din injorat ghal kollox il-fatt li l-istess konvenut accetta li l-impjieg tieghu kien gie terminat minhabba *redundancy* u anke irrifjuta xoghol alternattiv;

V. Il-parti disposittiva tas-sentenza hi legalment zbaljata meta rriteniet li l-*warnings* ma ghandhom l-ebda valur ghax ma gewx accettati mill-konvenut;

Il-Qorti tosserva illi l-ahhar tliet ilmenti jikkoncernaw l-aktar l-apprezzament li t-Tribunal ghamel tal-provi li kellu quddiemu u l-konkluzjoni tieghu hekk bazata fuq dan l-istess apprezzament. Ghar-raguni gja fuq esposta din il-Qorti ma ghadha l-ebda gurisdizzjoni jew fakolta tissindika *ex novo* l-meritu tal-kaz zvolt quddiem it-Tribunal jew li tissostitwixxi l-apprezzament tat-Tribunal b'dak taghha, u allura l-Qorti qed tiskartahom;

Izda anke kieku kellha tikkonsidrahom ma jidherx li l-kontenzjoni dwarhom mis-socjeta` attrici hi wahda fondata;

Minn ezami bir-reqqa tad-decizjoni mpunjata u ta' l-atti l-ohra fil-kwestjoni tax-xoghol Nru. 1023 quddiem it-Tribunal, jidher li t-Tribunal ma qiesx il-kaz bhala wiehed ta' "*genuine redundancy*", kif ahjar imfisser u illustrat f'bosta decizjonijiet ta' l-istess Tribunal, *ad exemplum*, "**Imperia Avellino –vs- Eden Foundation**", (12 ta' Awissu 1998), "**Monica Agius Muscat –vs- Messrs Sciberras Distributing Agency Co. Ltd**", (14 ta' Gunju 1999);

Anzi jidher li fil-kaz in disamina ir-*redundancy* kienet biss finzjoni u li l-vera raguni tat-tkeccija kienet influwenzata minn konsiderazzjonijiet ohra ta' nsodisfazzjon tas-superjuri tal-hidma ta' l-impjegat, bil-konsegwenza evidenti li ma kien hemm l-ebda gustifikazzjoni mpellanti ghar-*redundancy* u ghal-licenzjament motivata fuq din ir-raguni;

Il-kwestjoni l-aktar krucjali allura li din il-Qorti ghandha tindaga u tiddeciedi dwarha, anke ghaliex ukoll din tidher li rceviet l-akbar attenzjoni tal-kontendenti fis-sottomissjonijiet taghhom, tikkoncerna l-ewwel zewg

lanjanzi li din il-Qorti, ghar-ragunijiet prattici ovvji, ser tikkunsidra flimkien. Il-Qorti allura trid tara jekk, kif allegat, it-Tribunal marx oltre dak li kien intiz li kellu jigi deciz, u jekk b'konsegwenza, il-lodo tieghu gabx ksur tad-dritt fundamentali tas-socjeta` attrici ta' l-"*audi alteram partem*", kif garantit mill-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni Ewropeja. Dritt dan intiz biex jassigura l-osservanza ta' avviz xieraq u l-opportunita` li jinstemghu l-partijiet;

Tajjeb li jigi precizat qabel xejn illi biex ikollok vjolazzjoni ta' dana l-principju bazilari fit-trattazzjoni ta' kawza jew il-parti ma tkunx inghatat l-opportunita` tressaq il-provi taghha, jew fejn ix-xhieda moghtija minn parti wahda ma tkunx setghet tigi kontrollata mill-parti l-ohra minhabba nuqqas ta' opportunita` - "**Leone Misrahi *et* -vs- Rosaria armla minn Giuseppe Cassar *et***", Qorti Kostituzzjonali, 10 ta' Gunju 1966;

Fil-kaz *de quo* s-socjeta` attrici qed tillamenta illi skond ma jirrizulta mill-verbal tas-6 ta' Gunju 1996 u t-traskrizzjoni tax-xhieda f'dik l-udjenza l-kaz quddiem it-Tribunal kien, skond kif hemm dikjarat, limitat ghall-ewwel eccezzjoni, u cjoe, il-kwestjoni tar-*redundancy*. Il-kwestjoni sussidjarja dwar ragunijiet ohra tat-terminazzjoni thalliet in disparte. Dan s'intendi dejjem fis-sottomissjoni opinata mis-socjeta` attrici;

Il-Qorti ezaminat bir-reqqa l-atti tal-kaz quddiem it-Tribunal u tista' tghid li minn dak kaptat minnhom din is-sottomissjoni tas-socjeta` attrici ma tidherx li hi gustifikata. Hekk irrizultalha illi nonostante dak verbalizzat fl-ewwel udjenza l-kaz gie eventwalment stradat anke fuq il-binarju ta' dak allegat in linea sussidjarja mis-socjeta` attrici, jigifieri li l-konvenut Stephen Agius gie licenzjat ghax ma kienx tajjeb ghax-xoghol. Il-proceduri ghalhekk regolarment ezawrew anke dan il-punt tant li l-provi nstemghu fil-presenza tas-socjeta` attrici li kellha wkoll l-opportunita` taghmel l-ezami u/jew il-kontro-ezami taghha fir-rigward, oltre l-osservazzjonijiet l-ohra li solitament jsiru;

Dan kollu huwa desumibbli mhux biss mill-andament in generali tal-kaz izda anke minn certi domandi posti mis-socjeta` attrici lill-ex-impjegat taghha, riferibilment u b'mod specifiku dwar il-prestazzjonijiet tieghu u l-fatt li s-socjeta` attrici odjerna ma kienetx kuntenta bl-operat tieghu (fol. 123 *et sequitur*). Fuq kollox imbaghad hemm is-sottomissjonijiet tad-dibattitu orali fejn il-kontendenti ghamlu espressa trattazzjoni kemm dwar il-kwestjoni tar-*redundancy* minhabba allegat ristrutturar kif ukoll dwar li x-xoghol ta' l-impjegat ma kienx sodisfacenti (fol. 191 *et sequitur*);

Interessanti dan l-estratt mid-dibattitu ta' Dr. Adrian Delia fl-interess tas-socjeta` attrici:-

"L-istatement of case jitkellem car, ir-raguni ewlenija fil-fatt kienet fuq is-set-up. Kien veru illi bla pregudizzju ghal dan kollu ssemma ghalfejn saret l-ghazla u ghalfejn imbaghad tkecca u ghalfejn kien inghata written warnings, etc. Imma principarjament hija r-ri-organizzazzjoni li kienet saret, li ma kienetx tippermetti lill-kumpanija, ma kienetx f'posizzjoni li ssostni tnejn minn nies jaghmlu l-istess xoghol ..." (fol. 200);

U zied jaggungi "ghal dawn ir-ragunijiet kollha l-kumpanija tissottometti illi t-terminazzjoni kienet <u>wahda</u> fuq *redundancy*, liema terminazzjoni anke ppruvatha u ffirmatha minnu u li fil-fatt allura kienet terminazzjoni gusta u skond il-ligi" (fol. 201);

Minn dan kollu dedott huwa bil-wisq ovvju illi l-kaz in kwestjoni gie regolarment trattat fil-kontestazzjoni kollha tieghu u li allura t-Tribunal la mar *ultra vires* u lanqas kontra d-dettami tal-*fair hearing*. Hu ben assodat il-principju illi l-kwestjoni tal-*fair hearing* trid tigi meqjusa fil-kuntest tal-gudizzju fl-assjem tieghu. Mhux kwalsiasi pretest allura ghandu jservi biex jitwaqqghu gudikati, li, invece, jmisshom u ghandhom jibqghu fis-sehh;

Wiehed, imbaghad, irid josserva illi jekk anke ghas-socjeta` attrici l-kwestjoni ventilata quddiem it-Tribunal dwar it-terminazzjoni kienet “wahda” anzi kienet din biss li, skond l-istess kumpanija, it-Tribunal kellu jokkupa ruhu, difficilment issa jista’ jigi accettat l-argoment, a posteriori tad-decizjoni avversa ghaliha, illi t-tkeccija kienet gustifikata wkoll minhabba raguni ohra. Tali argoment, ghall-anqas ghal din il-Qorti, ma jistax jitqies accettabbli. *Multo magis*, imbaghad, meta jidher bic-car li t-Tribunal gharbel il-provi kollha u l-linji difensjonali adoperati u sab li l-vera raguni li nduciet lill-kumpanija ttemm l-impjieg ma kienetx dik redatta fuq ic-Certifikat tat-Temm ta’ Impjieg (fol. 111), jigifieri li l-“*post has been made redundant”;*

Kif gja *ex abundantia cautela* manifest supra l-atti tal-kaz quddiem it-Tribunal riedu jinqraw *tout ensemble* ghal dik li hi l-interpretazzjoni l-aktar korretta u gusta tad-decizjoni u mhux billi minnu jigi spigolat semplici verbal, li distakkat u izolat mill-kumplament, jista’ jiffavvorixxi t-tezi attrici, izda meta konsiderat unitament ma’ l-atti l-ohra ma jistax jissarraf fit-tifsira moghtija mis-socjeta` attrici ta’ lezjoni ta’ xi principji fundamentali jew ta’ kompetenza *ultra vires*.

Ghal dawn il-motivi, filwaqt li tillibera lill-konvenut Albert J. Tabone bhala Chairman tat-Tribunal Industrijali minn kull osservanza, u filwaqt ukoll li takkolji l-eccezzjoni tal-konvenut Stephen Agius, tichad it-talbiet attrici.

L-ispejjez tal-kawza ghandhom jigu sopportati interament mis-socjeta` attrici.

--------------------------------TMIEM--------------------------------